MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru 27/2007

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Renald Barbara, iben Paul, imwieled Pieta' fil-25 ta' frar, 1981
u
Joanne Fenech, bint Carmelo, imwielda Pieta' fl-14 ta' novembru, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fid-9 ta' jannar, 2007 ġewwa Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat, Malta bejn il-5.30 p.m. u is-6.00 p.m. –
1. volontarjament ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' PC1112 George Buhagiar, PC1434 Mario Mercieca u PC934 Owen Bilocca, u dan kif iċċertifikat minn Dr. Martin Mallia M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;

2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni ta' PC1112 George Buhagiar, PC1434 Mario Mercieca u PC934 Owen Bilocca;
3. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi nġurjaw jew heddew jew għamlu offiżi fuq persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu jew jbeżżawgħhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-istess uffiċjali tal-pulizija hawn fuq imsemmija;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ħebbew għall-istess uffiċjali pubbliċi msemmija sabiex jinġurjawhom jew jagħmlu ħsara lill-istess uffiċjali pubbliċi;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ma obdew l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilhom mill-pulizija jew ma ħallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qed jagħmlu dmirijiethom, jew b'xi mod bla jedd indaħlu fl-istess dmirijiet billi ma ħallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassru jew ġabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bħala awtorita' kienu għamlu;
6. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament kisru il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
7. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa;
8. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' 'jersey' ta' l-uniformi kif ukoll badge tal-beritta tal-pulizija għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta liema ħsara ma teċċediex l-Lm10;
9. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi nvolontarjament b'nuqqas ta' ħsieb ikkaġunaw ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBJ 925, għad-dannu ta' ċertu Thomas Sammut, mir-Rabat, liema ħsara teċċedi il-Lm100 iżda anqas minn Lm500;

10. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi waqt li kienu qed jagħmlu użu minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAA 267 naqsu li jagħmlu użu mis-'seat belt';
lil Renald Barbara, waħdu –
11. talli sar reċidiv b'sentenza li saret definittiva fit-22 ta' Lulju, 2004 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Mag. Dr. Lawrence Quintano).
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmija uffiċjali pubbliċi tal-Korp tal-Pulizija u ta' l-persuni l-oħra msemmija, kif jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-ħsara li saret mill-imputati lill-terżi hi ta' mija u sittin lira maltin (Lm160) u il-ħsara fl-uniformi tal-pulizija hi ta' tmien lira maltin (Lm8). L-imputati qed jobbligaw ruħhom 'in solidum' li jħallsu d-danni li għamlu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' jannar, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Renald Barbara ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 95, 96, 325(1)(ċ), 328, 338(bb)(dd)(ee), 339(1)(d), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-A.L. 129 ta' l-1995 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300). Issib lill-imputata Joanne Fenech ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 221(1), 95, 96, 325(1)(ċ), 328, 338(bb)(dd)(ee) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-A.L. 129 ta' l-1995 u tikkundannaha għal ħlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------